MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2007

Numru 74/2007

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Therese Sciberras)**

**vs**

**Philip Attard**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Philip Attard ta' 42 sena bin Carmelo u Carmela nee' Sciberras imwieled Pieta' fit-13 ta' Ottubru 1964 u li joqghod fi Flat no 2 Salvatore Court Triq Sir Luigi Preziosi San Pawl il-Bahar detentur ta' karta tal-identita 611564M gie akkuzat:

Talli nhar il-31 ta' Dicembru 2006 f' dawn il-gzejjer u cioe' fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Qawra ddenunzja lill-Pulizija Ezekuttiva reat li kien jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq

tracci ta’ reat b’ mod li setghu indbew proceduri Kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta’ l-Avukat Generali esebit bhala Dok TS 3 u nnutat li l-imputat Philip Attard m’ ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat fl-ezami tieghu iddikjara li hu hati ta’ l-akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega’ wiegeb li hu hati ta’ l-akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjarat li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija u tenut kont ic-cirkustanzi kollha tal-kaz il-Prosekuzzjoni umilment tissottometti li piena karcerarja ma tkunx wahda idonea f’ dan il-kaz.

Rat l-artikolu 110(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Philip Attard, fuq ammissjoni, hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fedina penali ta’ l-imputat, il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri u li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjarat li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz il-Prosekuzzjoni umilment tissottometti li piena karcerarja ma tkunx wahda idonea f’ dan il-kaz, tillibera lill-istess imputat Philip Attard taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Philip Attard l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------